Biex il-Karkariżi jkunu jafu u japprezzaw

# Il-Kwadru Titulari ta' Sana Liena – 250 sena

Philip Xuereb

Għalkemm mhux magħruf sew meta Birkirkara kienet saret parroċċa, nafu madankollu li diġà kienet hekk fl-1402. Mhux biss, iżda nafu wkoll li fis-sena msemmija, il-Karkariżi diġà ma kinux għadhom jużaw bħala knisja parrokkjali, il-knisja ewlenija li kien hemm fl-Għargħar, illum fil-lokalità ta' San Ġwann. Nafu li din l-istess knisja antika ma għabitx malajr u li kull sena, fit-tielet jum ta' fuq l-Għid il-Kbir, il-Karkariżi kienu jmorru fiha b'purċissjoni u wara li kienet issir quddiesa, kien jitbierek iċ-ċimiterju li kien hemm magħha. Jidher li fl-ewwel nofs tas-seklu sbatax, il-qagħda, anke strutturali, ta' dil-knisja antika ta' Santa Liena li kien hemm fl-Għargħar bdiet sejra mill-ħażin għall-agħar sa ma kienet ipprofanata mill-Isqof Fra M. G. Balaguer Camarasa fl-1656.

## L-ewwel kwadru

F'din is-sena jissemma li l-kwadru ta' Santa Liena li kien hemm f'dik l-ewwel knisja, kien ittieħed *fil-knisja li bnew ġdida*, allura l-Knisja l-Qadima tal-lum. Dan jista' jindika li l-kwadru aktarx li ma kienx f'għamla ta' trittiku (jew simili) għax l-Isqof viżitatur ma jsemmix li kien hemm xi qaddisin oħra kif anqas ma jsemmi li kellu dik l-għamla. L-istess Isqof Balaguer, fi żjara li kien għamel f'dil-knisja kważi għoxrin sena qabel, fl-1637, jgħid li l-altar kien tal-ħaġar, li fuqu kien hemm kwadru *qadim ħafna* bix-xbieha ta' Sant'Elena u li kien miżmum b'qima kbira.

Fi żjara oħra li kien għamel disa' snin wara, iżid li l-kwadru kien impitter fuq l-għuda u li kien imqiegħed taħt tribuna (apside) qadima. Mela aktarx li dal-kwadru *antik* kien tħalla fil-knisja ewlenija meta l-Karkariżi kienu bdew jużaw bħala parrokkjali, knisja medjevali oħra li kien hemm fl-Imrieħel, li kienet iddedikata lit-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna – għalkemm Santa Liena dejjem baqgħet il-patruna tal-parroċċa. Irid jingħad ukoll li jekk dak l-ewwel kwadru kellu dak iż-żmien kollu, il-Karkariżi kienu jgħożżuh sew biex ħelisha mill-ħbid u r-razzijiet li kienu jsiru fuq gżiritna fis-seklu ħmistax u fis-seklu sittax, sal-Assedju l-Kbir tal-1565.

## It-tieni kwadru

Wara dan l-ewwel kwadru titulari ta' Santa Liena, issa jissemma trittiku li kien hemm fil-knisja medjevali fl-Imrieħel. Mhux magħruf meta kien sar u jibda jissemma fil-viżti pastorali tas-seklu sbatax mill-Isqof Cagliaris (1615-1636). Kien kwadru mpitter fuq l-injam, u allura nobsru li kien bit-teknika tat-tempera, meta hu magħruf li għad-dħul tas-seklu ta' qabel dan l-Isqof, il-pittura kienet bdiet issir fuq it-tila bit-teknika taż-żejt. Għalkemm dan ma jfissirx li l-użu tat-tempera kien inqata' ħesrem, L-użu taż-żejt ma daħalx kullimkien fl-istess żmien fl-Ewropa u t-tempera baqgħet tintuża ħafna wara, u hawn min jużaha fi żmienna wkoll.

F'xi viżti pastorali tal-Isqof Cagliaris (eż: 1615, 1618) dan it-tieni kwadru kien deskritt

bħala kwadru kbir, waqt li l-Isqof ta' warajh, Balaguer, fl-1644 isejjaħlu bħala *iconam pervetustam* – kwadru qadim ħafna. Issa kwadri bħal dawn kienu jitqiegħdu direttament fuq l-altar u mhux jiddendlu jew jitwaħħlu mal-ħajt warajh. Anke għaliex, kif għadek tista' tara sal-lum f'ċerti knejjes fl-Ewropa, speċjalment fil-każ ta' altari ewlenin ta' knisja, dawn ma kinux ikunu ma' ħajt, ida fin-nofs... Jekk inżommu quddiem għajnejna l-altari *tradizzjonali* tagħna hawn Malta, l-altar propju hu dik il-parti li tissejjaħ il-mensa (mejda). Il-parti għolja ta' wara oriġinarjament ma kinitx għall-gandlieri bħal ma hi llum, iżda kienet tkun il-*predella* jew skannell biex il-kwadru li jitqiegħed jogħla fuqha.

## Meta seta' sar

Ma nafux sew meta kien sar dan il-kwadru, minbarra l-indikazzjonijiet msemmija aktar 'il fuq li jgħidu li kien kwadru fuq l-injam u li kien qadim ħafna. Biss jista' jagħti l-każ li kien sar meta l-knisja medjevali tal-Imrieħel kienet tkabbret. U dan kien xi żmien qabel l-1538 meta kien hemm kwerela bejn il-kappillan Johannes Pisano u Xennu Borg dwar qabar li dan kien wiret mingħand missieru. Qabel ma tkabbret il-knisja dal-qabar kien qrib l-altar u mbagħad kien ġie f'nofs il-knisja.[1] Jista' jkun li dan it-tkabbir tal-knisja, u konsegwentement it-twaqqif ta' altar maġġur ġdid, seta' kien ukoll li ta skop jew opportunità biex isir kwadru ġdid għal fuq l-istess artal maġġur il-ġdid, li probabbilment kien twaqqaf mill-istess Xennu Borg, jekk dan kien missier il-Johannes Borg li xehed dwar l-imsemmi altar fi-Żjara ta' Dusina.[2]

Sfortunatament, ir-rapport tal-istess Viżitatur Apostoliku ma jsemmix kwadri, fil-knisja parrokkjali ta' Birkirkara, ħlief dak ta' wieħed mill-altari tal-Assunzjoni fuq ix-xellug tal-altar maġġur, u ieħor fil-knisja filjali tal-Lunzjata – aktarx li wara kienet dik magħrufa bħala *Ta' Xennu,* u li kienet fir-raħal innifsu. Isemmi sebgħa oħra li kienu fi knejjes f'Ħal Balzan, Ħal Lija u Ħ' Attard, li dak iz-zmien kienu għadhom fl-istess parroċċa. Dan ma jfissirx bilfors li ma kienx hemm kwadri, għax in-nuqqas ta' dawn ġieli kien irrappurtat espressament. Madankollu dan hu l-istess għal parroċċi oħra, għall-istess Imdina u għall-Katidral, fil-każ ta' ċerti altari.


***Bartolomeo di Biagio Martino – Trittiku kif bejn wieħed u ieħor seta' kien it-tieni kwadru tal-parroċċa ta' Birkirkara***

Il-kwadru li qed insemmu għalhekk, jekk kien sar kmieni fis-seklu sittax, bħal dak tal-knisja tal-Għargħar, kien irnexxielu jeħlisha mir-razzia ta' Turgħut Reis fl-1551 u l-Assedju l-Kbir tal-1565. Dan kien ifisser li dan it-trittiku, u possibbilment kwadri ta' knejjes oħra wkoll, kien ittieħed xi mkien

[1] Wettinger G., *Burials in Maltese Churches 1419-1530's* Hyphen Vol. IV No. 2 (1984).
[2] Dusina P., V.P. 1575 f42v.

iffortifikat u fiż-żgur. Jekk mhux mill-ewwel fl-Imdina, seta' kien il-forti Sant Jiermu li kien qrib u fejn kienu marru bosta Karkariżi li ma kinux nies tal-armi. Jekk dan kien il-każ, allura mbagħad qasam magħhom ukoll bil-moħbi l-Port il-Kbir biex ittieħed il-Birgu. Kieku min jaf kif kien jispiċċa – forsi għall-ħatab kif spiċċat kull laqxa njam li setgħu jmiddu jdejhom fuqha, inklużi l-bibien ta' djar u ta' knejjes.

F'deskrizzjonijiet ta' dan il-kwadru li nsibu f'viżti pastorali tal-bidu tas-seklu sbatax naraw li dan il-kwadru seta' kien trittiku, jiġifieri bi tliet partijiet jew politiku, b'aktar partijiet, aktarx kif kienet tkun l-idjoma gotika, għalkemm baqgħu jsiru kwadri simili anke fir-rinaxximent (Palma il Vecchio, Giovanni Bellini, Andrea Mantegna) u fil-barokk (Rubens, Annibale Carracci) Fil-parti jew partijiet t'isfel, fin-nofs kien hemm ix-xbieha tal-Madonna, titular tal-knisja.

Imma dak iż-żmien, u wara wkoll, kien komuni li l-Madonna tingħata l-post ewlieni, anke jekk it-titular ikun għal xi qaddis jew qaddisa oħra. F'dan il-każ u fi trittiċi jew politiċi oħra, din kienet tkun fil-kwadru tan-nofs u l-qaddisin l-oħra fil-ġnub. Minn dan imbagħad żviluppat dik li tissejjaħ is-*sacra conversazione*, kompożizzjoni li fiha l-Madonna u l-qaddisin kienu jkunu raffigurati f'ambjent fiżiku wieħed donnhom appuntu f'xi laqgħa jew qed jitħaddtu flimkien. F'dan il-każ fuq il-lemin kien hemm San Pawl, patrun tal-gżira, u fuq ix-xellug Sant'Elena, patruna tal-parroċċa ta' Birkirkara. Fuq dawn imbagħad kien hemm l-anġlu Gabriel u l-Madonna (Annunzjazzjoni) u Kurċifiss (il-bidu u t-temma tal-ġrajja tas-salvazzjoni).

## Kwadru ta' Santa Marija minn Dun Filippu Borg

Għall-ħabta tal-1601 meta kien kappillan Dun Filippu Borg, sar kwadru ġdid bix-xbieha tal-Assunzjoni ta' Marija, li kien jinkludi fih l-Appostli. It-trittiku kbir tal-maġġur kien tqiegħed fuq wieħed mill-erba' altari tal-Assunzjoni li kien hemm f'dik il-knisja parrokkjali medjevali u aktar tard fuq l-ewwel altar fuq ix-xellug, int u dieħel fil-knisja li kienet qed tinbena, il-Knisja l-Qadima tal-lum. Imma sal-1699-1700 kien tneħħa wkoll minn hawn għax l-altar kien bidel l-idejn u kien sar kwadru ġdid għall-imsemmi altar.[3] Sadattant ukoll il-kwadru ta' Santa Marija li kien sar fi żmien Dun Filippu Borg kien sab postu bħala t-titular tal-istess knisja parrokkjali li kien bena.

## Kwadru ta' Santa Liena fil-Kappellun tal-Knisja l-Qadima

Meta kien tlesta l-bini tal-kappellun tan-Nofs Inhar tal-knisja msemmija, għall-ħabta tal-1646, l-altar fil-faċċata tal-fond tiegħu, allura l-aktar prominenti, sar l-altar ta' Santa Liena, patruna tal-parroċċa u tal-Kolleġġjata li ma kienx ilha wisq li twaqqfet (1630). Jidher li dik il-ħabta wkoll, kif joħroġ minn dak li kien ġara meta kien se jsir il-kwadru preżenti, kien sar kwadru ieħor ġdid ta' Santa Liena, għal fuq dan l-altar tal-kappellun tal-Knisja l-Qadima.[4] Tgħid fil-kummissjoni ta' dal-kwadru wkoll kien imdaħħal Dun Filippu Borg, għalkemm issa kien mgħobbi sew biż-żmien?

Mhux magħruf min kien pitter dak il-kwadru, iżda jingħad li kien sar Ruma minn

[3] Borg V., *Storja ta' Kwadru – It-Titular Antik ta' Sant' Elena* – Prog Festa S.E. 1975.

[4] Wieħed irid jiftakar li dal-kappellun ma kellux il-prospettiva li naraw fih illum, li saret wara, meta l-kwadru ta' Santa Liena kien tneħħa u l-altar għadda għand is-Sodalità tal-Agunija.

*ċeleberrimo pittore* – pittur ta' fama kbira.[5] Issa dik il-ħabta ta' nofs is-seklu sbatax, Ruma kienet iċ-ċentru ewlieni tal-arti fl-Ewropa. Kien l-aqwa żmien tal-barokk u ħafna artisti, anke minn barra l-Italja, kienu jmorru hemm, jew għal periodu ta' taħriġ f'dak l-ambjent ibaqbaq ta' produzzjoni artistika minn uħud mill-aqwa esponenti ta' dak iż-żmien. Jew kienu jistabbilixxu ruħhom hemm u jaħdmu l-ħafna kummissjonijiet, kemm min-nobbiltà u s-sinjuri tal-Belt Eterna, imma l-aktar mill-ambjenti ekkleżjastiċi u mill-Papat.

Issa għalkemm kien intqal li kien sar minn *pittur ta' fama kbira*, bqajna ma nafux dan min seta' kien. Forsi hawn ta' min isemmi xi wħud mill-pitturi magħrufin li kienu qed jaħdmu f'Ruma dak iż-żmien, biex wieħed jieħu ftit idea. Kien hemm Giovanni Lanfranco (1582-1647) fl-aħħar żmien ta' ħajtu; Andrea Sacchi (1599-1661); Pietro da Cortona (1595-1669) li kien tista' tgħid il-pittur ta' Papa Urbanu VIII u tal-Barberini; Giovanni Battista Salvi *il sassoferrato* (1609-1685); kien hemm ukoll Andrea Camassei (1602-1666) mhux daqshekk magħruf iżda li kien alliev ta' Domenico Zampieri (*Domenichino)* u tal-imsemmi Sacchi, li wkoll kien jaħdem ħafna għall-Barberini. Hija ħaġa ftit stramba kif, wara xi 40 sena meta saret il-Viżta Pastorali tal-Isqof Molina u aktar u aktar wara 120 sena meta eventwalment sar il-kwadru preżenti, kien intesa l-isem ta' dak iċ-*celeberrimo pittore*.

Apprezzament tal-kwadru li kien sar għall-Knisja l-Qadima nsibuh ukoll fil-Viżta Pastorali tal-Isqof Molina tal-1680. Dak iż-żmien dal-kwadru kien għadu fuq l-altar li kellu fil-kappellun tan-nofsinhar tal-knisja msemmija, u fid-dawra tiegħu mal-knisja l-Isqof Molina ħalla dal-kliem li ġej meta semma:

*L'altare di S. Elena con il quadro di celeberrimo pittore (...)*[6]

Iżda sfortunatament għalina u għall-kurżità tagħna, jieqaf ħesrem hemm u ma jsemmilniex min kien il-pittur.

## Jinbidel it-titular tal-Knisja l-Qadima

Iżda fis-sena 1709 l-Isqof Fra Davide Cocco Palmieri kien ta l-permess biex dan il-kwadru ta' Santa Liena, li għad kif semmejna, jittieħed fuq l-altar titulari tal-knisja, jiġifieri dak tal-kor. Dan baqa' hemm sa ma ftit aktar tard fl-istess seklu nbniet il-knisja l-ġdida, din id-darba f'nofs ir-Raħal u espressament iddedikata lil Santa Liena. Mela wieħed irid iżomm f'moħħu li anke fl-aħħar snin li kienet baqgħet tintuża bħala knisja parrokkjali, it-titular tal-Knisja l-Qadima ma kienx għadu Santa Marija, iżda Santa Liena. Għalhekk, mhux kif ġieli għadu jingħad, meta nbniet il-Bażilka preżenti, ma nbidilx it-titular tal-knisja parrokkjali ta' Birkirkara, li kien inbidel fl-1709 fil-Knisja l-Qadima. U wara kollox il-parroċċa dejjem baqgħet imsemmija għal Santa Liena.

Issa ġara li meta ġarrew għal din il-knisja l-ġdida fl-1745, bħal kull min iġorr minn dar għal oħra, jieħu miegħu hemmhekk ħwejġu wkoll. U hekk fost l-oħrajn kien ittieħed il-kwadru ta' Santa Liena li kien sar daqs mitt sena qabel. Iżda dan kellu jkun biss b'mod temporanju. Għaliex għalkemm kien it-titular fil-Knisja l-Qadima sal-1709, qabel kien fuq altar f'kappellun. Għalhekk ma setax kien xi kwadru kbir u meta ttieħed fil-knisja tal-lum u tqiegħed fil-kor, inbela' u ntilef fil-kobor tagħha.

[5] SAL, *Birkirkara...* (2005) p.56 - L.P.V: Ms. 422 p.218 u Ms.17 p.112.

[6] A.C.M Miscellanea 180, V.P. Molina 1680.

## Kwadru titulari ġdid għal knisja ġdida



Meta l-Karkariżi kienu stabbilew ruħhom fil-knisja l-ġdida, bdew jaħsbu biex jagħmlu kwadru titulari ġdid li jkun xieraq mhux biss fid-daqs u l-iskala tiegħu, iżda wkoll fl-arti, għat-tempju l-ġdid tagħhom. Dan il-kwadru l-ġdid sar minn Francesco Zahra fl-1763 – annu li jidher impitter fuq il-'ġebla' taħt sieq il-paġġ jew tifel, fin-naħa tal-lemin tal-kwadru.

Madankollu dak iż-żmien mhux kulħadd kien qabel mal-bdil tal-kwadru titulari, għax minħabba r-raġuni msemmija, kien intqal li l-kwadru l-*qadim* kien ta' preġju akbar.[7] Fil-fatt, kittieb tal-epoka kellu dan x'jirrapporta:

*Agosto 18 giorno di S. Elena titolare della Colleggiata di Birchircara ove fu la festa con musica e processione e pontificale del Preposito* (dak iż-żmien Kan. Dun Ġakbu Bertis) *col Presbyter Assystens colla cappamagna sciolta. Il paniġerico fu fatto da un padre cappuccino.*

*Vi fu posto al luogo il nuovo quadro di Sant'Elena in atto di aver trovato la Croce di Nostro Signore, fatto dal pittore Zahra, maltese. Mentre l'appoggiavano noi lo disapprovammo per essere il quadro antico fatto in Roma e di maggior pregio. E se era corto e più piccolo per il luogo della nuova chiesa, potevano adattarlo con tuttavia ed altri ornamenti e non abbandonar un opera cosi insigna.*

Wieħed irid hawn jgħid li l-aħħar sors imsemmi hu kitba tas-Saċerdot erudit u konsultur tal-Inkwiżitur Dun Ignazio Saverio Mifsud, li kellu dar tal-villeġġatura f'Birkirkara, u allura kien midħla sew ta' dak li kien jiġri hawn. F'din id-dar kien laqa' lill-Inkwiżitur Salviati meta kien ġie għall-festa ta' Santa Liena tal-1755.[8] Imma minbarra x'seta' kien u min seta' pittru, illum ikollna ngħidu wkoll li anqas ma hu magħruf x'seta' sar minn dak il-kwadru li allegatament kien sar Ruma minn *celeberrimo pittore*, wara li kien tneħħa minn postu bħala t-titular tal-knisja kolleġġjata l-ġdida biex jitqiegħed dak preżenti ta' Zahra.[9]

Dal-kwadru titulari ġdid ta' Santa Liena kien sar fiż-żmien li kien Prepostu, u Arċipriet ukoll, il-W. R. Dun Ġakbu Bertis. Kienu tħallew flus għalih mill-kanonċi Tumas Borg u

---

[7] Ibid. u N.L.M. 17 pp.162/3 u tagħrif ġenrtilment mgħoddi lill-awtur preżenti mis-Sur W. L. Zammit.

[8] SAL, op.Cit. p. 57.

[9] Irrid ngħid hawn li daqs għaxar snin ilu kont rajt kwadru antik ta' Santa Liena fil-kollezzjoni private ta' artist li llum m'għadux magħna. Tgħid seta' kien hemm xi konnessjoni?

Ruġġier Grixti.[10] Il-kummissjoni ngħatat, kif għedna, lill-pittur Francesco Zahra, dak iż-żmien l-aqwa esponent Malti tal-pittura barokka. Dik il-ħabta kien fl-aqwa tal-karriera tiegħu u ma kienx hawn min iħabbatha miegħu.

Rivali lokali ta' kalibru, imma fl-istess ħin nistgħu ngħidu wkoll *mentor* u kollaboratur, Ġannikol Buhagiar, kien miet fl-1752. Il-pittur ta' oriġini Franċiża Antoine de Favray, li kien stabbilixxa ruħu f'Malta fl-1744, u li jidher li bejniethom kienet inħolqot ukoll ċerta kollaborazzjoni li minnha Zahra kien assimila u tgħallem, fl-1761 kien mar għal tista' tgħid għaxar snin fil-belt kapitali Torka Istanbul. Pittur lokali ieħor ta' ċerta importanza, Enrico Regnaud, kien daħal fis-sebgħin sena tiegħu u miet is-sena ta' wara. Kien hemm ukoll Rokku Buhagiar li kien dieħel fl-età ta' erbgħin sena. Iżda dan donnu li ma spikkax qabel ma kien għeb mix-xena Francesco Zahra.

Jerġa' għall-istess knisja ġdida ta' Santa Liena f'Birkirkara, Francesco Zahra kien diġà għamel il-kwadru tal-*Istituzzjoni tal-Ewkaristija* għall-kappella tas-Santissmu Sagrament fl-1752, u jidher li kien involut f'ħidmiet oħra wkoll.

## Ħidmiet tal-familja Zahra f'Birkirkara

Il-familja ta' Francesco Zahra, skalpellini jew skulturi, kienet ilha involuta f'xogħlijiet varji ta' skultura, dekorazzjoni u arkitettura f'Birkirkara. Nannuh Antonio Zahra kien għamel il-prospettiva tal-ewwel altar fuq ix-xellug tal-korsija (wara l-1682) fil-Knisja l-Qadima. L-istess Antonio u ibnu Pietru Pawl għamlu l-prospettivi tal-altar tal-Kunċizzjoni (1706-1710) u dik tal-artal tal-Agunija jew Kurċifiss (1710-1711) fil-kappellun tan-nofs inhar, it-tnejn fil-Knisja l-Qadima wkoll.[11] Missier ommu, Vincenzo Casanova, kien għamel il-pjanta għall-bini mill-ġdid tal-knisja ta' San Ġiljan (Ta' Lapsi 1682) li dak iż-żmien kienet waħda mill-*knejjes rurali* fil-limiti ta' Birkirkara. Ġakbu Zahra, ziju ta' Francesco, kien involut f'xogħol ta' skultura fil-knisja l-ġdida ta' Santa Liena (1742) fejn għamel il-kapitelli u d-dekorazzjoni tat-twieqi tas-sekond ordni.[12]

Missier Francesco, Pietru Pawl fl-1742 wkoll kien tqabbad jagħmel il-prospettiva li oriġinarjament kien hemm mal-altar tar-Rużarju[13] u li bħal dik pariġġha fil-kappellun tal-Kurċifiss, kienet tneħħiet fl-1878. Fl-1745 L-istess Pietru Pawl għamel il-prospettiva tal-altar tal-Madonna tal-Karmnu fl-istess Kolleġġjata.[14] Imbagħad sentejn wara ħadem l-iskultura fil-knisja tal-Porto Salvo, llum magħrufa bħala *Ta' Santunnuzzu* fil-Ħamrun, imma li dak i-mien ukoll kienet fil-limiti ta' Birkirkara.[15]

Francesco Zahra nnifsu kien b'xi mod involut ukoll f'xogħlijiet għall-altar tal-Kurċifiss tas-Sodalità tal-agunija. Skont ir-reġistri ta' din, fid-19 ta' Marzu 1754 kien ġie Birkirkara

---

[10] Ibid. P. 56. p.56 – Debono J. Nutar: 11 Aw. 1748.
Dun Ruggier Grixti kien sar kanonku fl-1706. Fuqu jingħad dan:
*Don Ruggero Grixti di Birchircara, uomo di gran pratica nei tribunali , per morte del fù Canonico Don Andrea Galea, ottenne il canonicato che gode con molta inquietudine per essere stato sempre procuratore 'ad lites' per un lungo corso di anni e morì li 21 dicembre 1745.*
(Tagħrif mgħoddi lill-awtur preżenti minn Winston L. Zammit). Wieħed irid ifakkar li dak iż-żmien kienet għaddejja l-ġlieda u kienu qed isiru ħafna kawżi f'Ruma, għas-Sedja Prepositali.

[11] Debono J. *Documentary Sources on Maltese Artists* (2010) pp. 3, 26.

[12] Zahra L. *L-Iskultur għall-Knisja Monumentali ta' Birkirkara*, Ktieb Festa Banda S. Elena 2012 p. 125.

[13] SAL, Programm tal-festa S. Elena 1999.

[14] Debono J. (2010) p. 233.

[15] Ibid. P. 239.



*Dettalji tal-iskultura tal-artali tal-Agunija u tal-Kunċizzjoni fil-Knisja l-Qadima*

jieħu l-qisien għall-kwadru li kellu jakkumpanja l-Kurċifiss u li dan kien tqiegħed f'postu f'Jannar tas-sena ta' wara.[16] Madankollu fil-kwadru preżenti hemm id-data 1779 taħt riġel il-figura ta' San Ġwann, meta hu magħruf li Francesco Zahra miet fis-sena 1773.

Jerġa', għall-ewwel li beda jintuża l-altar tal-Agunija fil-knisja ta' Santa Liena (1747), kien inġab il-kurċifiss tal-injam li s-sodalità kienet għamlet fl-1716 għand l-iskultur Ignazio Portelli għall-altar fil-Knisja l-Qadima. Dan kien tqiegħed fi speċi ta' niċċa ovali (kif bejn wieħed u ieħor kienet fil-Knisja l-Qadima). Kienet għadha ma saritx il-prospettiva għalkemm il-ġebel żmarrat għaliha kien diġà f'postu. Fil-fatt il-prokuratur tas-sodalità l-Kan. Dun Anton Gatt kien talab lill-Kan. Dun Pawl Spiteri jagħmillu disinn għaliha u kienet bdiet tinħadem f'Novembru 1554.[17]

Issa jekk Francesco Zahra kien mar jieħu l-qies għall-kwadru f'Marzu 1754, l-ispazju għalih kellu jkun lest sa dik id-data. Imma wieħed allura jistaqsi x'seta' ġara la l-kwadru





[16] Borg V.: *Il-Qima lejn is-Salib f'Malta u f'Birkirkara* – Prog. Festa 1978. p. 17.
[17] Ib.id. u Debono S., *Imago Dei* (2005) p. 43.



preżenti mhux ta' Zahra. Tgħid kien inbidel meta kien sar il-Kurċifiss li hemm illum? Jerġa', kittieb ieħor jagħti d-data 1771 għal meta sar il-ftehim għall-iskultura tal-prospettiva bejn il-prokuratur Gejtu Salvaloco u Mastru Feliċ Zahra.[18] Forsi kien hemm prospettiva oħra, aktar semplici, li s-sodalità tħajret tibdilha meta rat ix-xogħol li kien sar faċċata tagħha? Jew dan il-ftehim ma' Feliċ Zahra kien għal xogħol ta' skultura fis-sekond ordni?[19] Nafu, ngħidu aħna, li x-xogħol fis-sekond ordni fil-kappellun tar-Rużarju kien sar fl-1783.[20]

## Aktar involviment ta' Francesco Zahra.

Lil Francesco nnifsu hu attribwit id-disinn tal-artal tal-irħam tal-kappella tas-Sagrament (1749) fil-Kolleġġjata Elenjana, li nħadem mill-marmisti Gregorio u Giovanni Antonio Durante.[21] Huwa kien jaħdem ħafna f'dan il-qasam ma' din il-familja ta' marmisti, speċjalment f'xogħlijiet li kienu qed isiru fil-Katidral tal-Imdina, li kien għadu 'ġdid' ukoll. Dan l-artal tas-Sagrament kellu biċċa xogħol oħra żgħira ta' pittura attribwita lil Francesco Zahra. Din hija l-bieba oriġinali tat-tabernaklu bil-figura ta' Kristu Redentur.[22] Din il-bieba kienet tneħħiet meta saret oħra tal-fidda, ħafna qabel ma sar it-tabernaklu tal-fidda li hemm illum. Il-bieba mpittra minn Zahra tinsab fil-mużew tal-Kolleġġjata.





[18] SAL: *Birkirkara...*(2005) p.58.

[19] L-iskultura fis-sekond ordni tneħħiet meta V. Monti għamel l-affreski ta' dik l-apside.

[20] SAL: *Birkirkara...* (2005) p.52.

[21] Ibid. p. 54.

[22] Sciberras K. *Francesco Zahra 1710-1773* (2010) p.232.

Il-fonti tal-magħmudija (1748), mhux bl-istatwi kif jidher illum imma bl-għatu oriġinali tal-injam li llum jinsab fil-mużew tal-Awla Kapitulari, kien sar ukoll minn Giovann Antonio Durante[23] u stilistikament id-disinn tiegħu hu attribwit lil Zahra. F'dan il-battisteru, meta kienu jinfetħu l-bibiet tiegħu, kien jidher kwadru tal-Magħmudija ta' Kristu li kien tqiegħed fl-Awla żmien ilu mnejn sfortunatament kien għosfor – il-forma partikulari u d-daqs tiegħu għadhom immarkati fuq id-damask li jiksi l-għatu oriġinali minn ġewwa. Aktarx li Zahra seta' kien involut fit-tkabbir ta' ċerti kwadri ta' altari bħal dawk li kienu nġabu mill-Knisja l-Qadima biex jintużaw fil-ġdida. Ħjiel ta' dan jirriżulta wara restawr li sar dan l-aħħar (2011-2012) tal-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu, li minn studju konness, jirriżulta li l-erwieħ tal-purgatorju fil-parti miżjuda isfel jistgħu jkunu stilistikament tiegħu.

Imbagħad hemm ukoll ċerti sopra u sotto kwadri li kienu saru fl-istess żmien għall-prospettivi ta' wħud mill-altari, fosthom is-sotto-kwadru ta' San Kalċidonju fil-kappella tal-Madonna taċ-Ċintura, li għalkemm ċkejken u ta' għamla differenti, hu kopja tal-kwadru li l-istess Zahra għamel għall-kappella tal-Madonna ta' Manresa li dak iż-żmien il-Ġiżwiti kellhom mad-dar tal-irtiri fil-Furjana, wara mbagħad is-Seminarju Arċiveskovili u llum il-Kurja.[24]

Possibbilment attribwibbli għal Zahra huma wkoll il-kwadretti ta' San Mikiel Arkanġlu u tal-Anġlu Kustodju, fil-prospettiva tal-kappella ta' Sant'Andrija. Ix-xbieha ta' San Mikiel hi bbażata fuq il-kwadru famuż ta' Guido Reni fil-knisja ta' Santa Maria della Concezione tal-patrijiet Kapuccini ta' Via Veneto f'Ruma. Fil-kwadrett il-mantell aħmar hu aktar imtajjar forsi biex jibbilanċja l-kompożizzjoni minħabba l-forma ellittika mimduda tal-kwadru. Is-sopra kwadru tal-Anġlu Kustodju hu simili ħafna għal dak li l-istess Zahra għamel għall-knisja tas-Salvatur ta' Ħal Lija (1757).



## Abbozz?

Issa jista' jkun li qabel ma beda jaħdem fuq il-kwadru titulari nnifsu, minbarra l-ewwel tpinġijiet preparatorji, Francesco Zahra għamel u ppreżenta àbbozz – ħaġa li kienet issir mhux biss biex il-pittur ifassal idea tax-xogħol li jkun bi ħsiebu jagħmel, iżda wkoll biex minnu jkollu l-kunsens ta'

[23] SAL; Ibid. p. 53.

[24] San Kalċidonju hu qaddis li dwaru xejn m'hu magħruf ħlief li kien martri li l-kult tiegħu beda meta l-fdal tiegħu li kienu fil-katakombi ta' Pretestato fil-Via Appia f'Ruma, ingħataw lill-Ġiżwiti ta' Malta minn Papa Benedittu XIV fl-1753. Magħhom kien instab važett bil-kliem *Calcedonius in pace*. Il-Ġiżwiti xerrdu l-qima tiegħu fi Sqallija wara li kienu attribwiti lilu xi mirakli. Hemm kappella ddedikata lilu fil-knisja ta' San Franġisk Saverju, tal-istess ordni f'Palermo. Il-qima xterdet fi bliet oħra ta' Sqallija u fl-inħawi ta' Napli. L-ikonografija ta' dal-qaddis f'dawn il-postijiet hi differenti minn dik ta' Malta fejn hi dejjem l-istess.

min kien ikun qed jikkummissjona l-kwadru.

Issa fil-Mużew tal-Katidral fl-Imdina, jeżissti kwadru żgħir li ġenerikament juri x-xena tas-sejba tas-salib minn Santa Liena. Dan jingħad li kien abbozz magħmul minn Zahra għat-titular tal-knisja ewlenija ta' Birkirkara li kien għadha kif inbniet.

Ġeneralment b'abbozz wieħed jifhem li l-pittur, f'dan il-każ, jagħmel verżjoni fiċ-ċokon tax-xogħol finali li jkun qed jipproponi li jagħmel. Forsi din il-verżjoni ma tkunx kompluta u ddettaljata għalkollox, iżda tkun tagħti idea tajba tal-aspett definittiv tal-opra li tkun se ssir – u mhux sempliċement skizz jew disinn ħafif li bih il-pittur jesprimi l-ewwel ideat tiegħu tas-suġġett,[25] għalkemm mhux bilfors li l-artisti kollha kienu jagħmlu abbozzi, fost dawn il-Caravaggio.

Dak li hemm raffigurat fl-hekk msejjaħ abbozz tal-Imdina hu ferm u ferm 'il bogħod minn dak li juri t-titular attwali. Wieħed forsi jista' jgħid li din kienet l-ewwel idea ppreċentata minn Zahra għall-kummissjoni ta' Birkirkara. Wieħed jista' jgħid li eventwalment kien reġa' bidlu. Wieħed jista' jgħid ukoll li l-ewwel idea ta' Zahra ma kinitx għoġbot lill-Karkariżi, speċjalment lil dawk li kienu involuti biex jaraw li jsir il-kwadru titulari l-ġdid.

Kien x'kien, Zahra finalment ħareġ b'opra ferm differenti minn dik li juri l-*abbozz*. L-għamla ta' dan l-*abbozz* anqas ma hi bħal dik tal-kwadru titulari l-ġdid – kif ġeneralment kien ikun biex jintwera kif l-iżvolġiment se jkun jidher fl-ispazju mogħti. Jerġa' l-*abbozz* juri l-konferma tas-salib misjub fost tlieta bħala dak ta' Kristu, permezz ta' miraklu – li mhix ix-xena li juri l-kwadru titulari ta' Birkirkara.

U għandna nifhmu wkoll li Zahra seta', għax ma nafux, għamel abbozz ieħor, kemm għalih u forsi aktar għall-kummittenti, u li minnu mbagħad sar il-kwadru attwali. X'seta' sar minn dan l-abbozz *veru*, dejjem jekk kien hemm, jew fejn jinsab illum – Min jista' jkun jaf? Biż-żmien ħafna affarijiet jintilfu, irabbu s-saqajn, jibdlu l-idejn jew jiddeterjoraw u saħansitra jinqerdu... Mill-banda l-oħra wkoll, l-hekk imsejjaħ *abbozz* tal-Imdina seta' kien sempliċement xi xbieha magħmula għad-devozzjoni personali ta' xi ħadd.[26]

## Ix-xenarju tal-kwadru

Kif diġà aċċennajna, dan il-kwadru titulari juri s-sejba tas-Salib minn Santa Liena: il-mument tal-ammirazzjoni u l-qima lejn ir-relikwija ewlenija tal-Passjoni ta' Kristu, wara li kien ġie identifikat permezz tal-miraklu tal-fejqan ta' *mara marida għall-mewt b'marda*

---

[25] Ara fost l-oħrajn id-definizzjoni: ABBOZZO: prima stesura di un'opera, sufficiente a dare un'idea del risultato finale ma ancora imcompleta. Bozzetto – www.arteglobale.it

[26] Dwar dan l-*abbozz* tal-Imdina, hemm diversi għajdut u verżjonijiet dwar fejn kien qabel jew seta' kien f'dawn l-aħħar, bejn wieħed u ieħor, mitt sena. Gil-ktejjeb *Ġabra ta' Mħabba u Storja Elenjana 1976* (Editur Jos. A. Deacon) f'paġna 25, f'nota b'ritratt dwaru jingħad hekk:
*Dan il-kwadru kien għand Mons. Panzavecchia* (għandna nifhmu Ignazio, 1855-1925) *li xtrah minn irkant fl-1921 u, billi ma kellu lil ħadd min iħallih, aktarx li ħallih lis-seftura wara mewtu. Wara żmien dan il-kwadru li għalija għandu valur imprezzabbli, sab ruħu għand regettier minn fejn inxtara minn wieħed sinjur mill-Belt Valletta fejn għadu miżmum b'għożża kbira.*
Iżda hu magħruf li dan l-'abbozz' wasal fil-mużew tal-Katidral mingħand Mons. Edoardo Coleiro, li kien mill-Belt u jingħad li dan kien xtrah minn Birkirkara mill-ħanut tal-kotba u xi antikitajiet, li ċertu Galea Maniscalco kellu fi Triq Anġlu Mallia, kantuniera ma' Triq l-Isqof Labini. Biss informatur ieħor qalli li dak l-'abbozz' kien ukoll f'dar f'Birkirkara stess, ħdejn il-knisja ta' Sant'Antnin. Tgħid l-istorja vera qiegħda b'xi mod f'sintesi ta' dawn it-tagħrifiet?



*kerha.*[27] Maġenb salib ta' daqs ġmielu mserraħ ma' bini, il-qaddisa wieqfa b'dirgħajha beraħ, mistagħġba u fl-istess ħin sodisfatta bis-sejba, donnha ttenni kliem Sdan Pawl: *Barra minni li niftaħar jekk mhux bis-Salib ta' Sidna Ġesù Kristu.*[28]




Il-bini msemmi, fuq ix-xellug, jidher mhux komplut. Forsi hu t-tempju li kien bena l-Imperatur Adrijanu fuq il-Golgota (ca. A.D. 135) u li kien qed jiġġarraf b'ordni ta' Kostantinu, fatt muri mix-xbieha miksura taħt riġlejn is-Salib u l-qaddisa, biex instab l-istess Salib. Jew forsi ried juri b'dan il-bini, il-Bażilka tar-Resurrezzjoni li ried tinbena fil-post dan l-Imperatur iben Sant'Elena? Aktar fil-fond hemm struttura tonda – qisha l-knisja ta' Sarria fil-Furjana. Forsi din ukoll il-pittur ried juri biha l-*Anastasis* mibnija fuq il-qabar ta' Kristu, li kienet l-ewwel li nbniet.

Din l-idea ta' tempju jew knisja tonda kienet inġabet mill-Art Imqaddsa fl-Ewropa aktarx

[27] Sammut Alb., *Santa Liena Imperatriċi Awgusta* (2008) p. 212 fejn jikkwota lil Ġelasju.

[28] Ittra lill-Galatin.



mill-Kruċjati u ordnijiet kavallereski bħat-Templari. Hekk insemmu dik magħrufa bħala x-*Charola* ta' Tomar fil-Portugall, it-*Temple Church* ta' londra u oħrajn fl-istess Ingilterra, fi Spanja, fi Franza u fl-Italja.

## Is-Salib

Diġà aċċennajna li s-salib rappreżentat fil-kwadru ta' Zahra huwa wieħed ta' 'daqs ġmielu'. Proporzjonalment hu ikbar minn dak tal-pseudo abbozz. Hemm diversi modi kif is-salib jintwera fl-arti, mal-figura ta' Santa Liena. Dan ġieli jkun kbir ħafna u bħal hawn imserraħ ma' bini jew miżmum minn figuri oħrajn ta' ħadddiema fuq l-iskavi. Ġieli jkun ta' daqs anqas goff u miżmum mill-qaddisa nnifisha u anke f'dan il-każ ġieli jkun sempliċement simboliku, attribut – bħar-rota ta' Santa Katarina jew it-torri ta' Santa Barbara. Oħrajn juruha jew b'salib żgħir f'idha jew xi relikwija oħra tal-Passjoni ta' Kristu li jingħad li kienu nstabu wkoll mill-qaddisa. Hemm ukoll kwadri li ma jurux is-salib għax ix-xena tkun turi t-tfittxija qabel is-sejba.



## Il-figura tal-qaddisa

Intqal li l-figura ta' Santa Elena fil-kwadru titulari tal-knisja Kolleġġjata ta' Birkirkara hi bbażata fuq dik tal-istatwa tal-istess qaddisa magħmula minn Andrea Bolgi għal wieħed mill-pilastri maġġuri taħt il-koppla tal-Bażilka ta' San Pietru f'Ruma. L-argument li jorbot dan ir-raġunament hu ċertu xebh ġeneriku, ikolli ngħid imbiegħed jew li mhux bilfors minn dik il-figura, u li kien ikun hawn stampi tal-istatwa msemmija fiċ-ċirkulazzjoni, li setgħu waslu sa Malta u allura f'idejn l-istess Zahra, anke jekk dan, kif jingħad, qatt ma kien rifes 'il barra minn xtutna, u allura qatt ma kien mar Ruma. Dan ix-xebh, jekk irridu ngħidulu hekk, hu ffukat fuq il-poża, l-istruttura fiżika u d-drappeġġ ta' lbies il-qaddisa.

Biss, bl-istess argument jista' jingħad li setgħu jaslu f'Malta stampi ta' xogħlijiet artistiċi oħra – u mhux biss mill-Italja. Hawn forsi biżżejjed insemmu xi ismijiet ta' pitturi, kemm magħrufin u forsi mhux daqshekk magħrufin, li kienu pittru kwadri bix-xbieha ta' Sant'Elena, qabel Francesco Zahra – biżżejjed fis-seklu sbatax u l-ewwel nofs tas-seklu tmintax. Mhux biss pittru lill-qaddisa, iżda li rraprezentawha fil-qagħda, bejn wieħed u ieħor, kif tidher fil-kwadru ta' Birkirkara. Għaliex tpittru bosta kwadri li juruha

qed tidderieġi l-iskavi,[29] juruha għarkopptejha tqim is-Salib kif instab, jew fil-waqt tal-miraklu biex jingħaraf is-Salib – dawn tal-aħħar fost l-aktar xeni numerużi. Insibu wkoll lil Santa Liena inkluża ma' qaddisin oħrajn fi gruppi jew f'*sacra conversazione*, f'dan il-każ bil-Madonna bħala ċ-ċentru.

Imma l-artisti li jinteressawna hawn għar-raġuni msemmija fuq huma, fost oħrajn: Pietru Pawl Rubens (1577-1640), Sebastiano Ricci (1657-1734), Francesco Barbieri (Guercino1583-1625) Jan Boeckhorst (1604-1668, artist Fjamming b'xogħlijiet fil-Ġermanja) Berthold Flemal (1614-1675, Fjamming ukoll, għalkemm il-kwadru tiegħu jgħaqqad żewġ episodji f'daqqa). Jeżisti wkoll kwadru ta' Mattia Preti li juri wkoll suġġett simili iżda mhux magħruf fejn jinstab.[30]

## Figura ta' Reġina



Imma jista' jkun ukoll li jekk l-*abbozz* imsemmi kien fil-fatt rifjutat għax il-Karkariżi riedu bixra aktar *regali* għall-figura tal-patruna tagħhom, jista' jagħti l-każ li Zahra, minflok lejn kwadri u figuri oħra tal-qaddisa, ħares lejn kwadri ta' renjanti, ta' żmienu stess – nisa u rġiel. Biżżejjed wieħed iħares lejn ċerti ritratti (*portraits*) bil-poża bil-wieqfa, iżda ġieli wkoll bil-qiegħda, ngħidu aħna tal-Imperatriċi tal-Awstrija, Maria Theresa, jew taż-Żarini Anna Ivanovna u Eliżabeta Petrovna,[31] bil-qagħda weqfin fuq qaddhom, ilbieshom voluminuż, bil-mant tal-bellus infurrat bl-ermellin ġieli wkoll maqbud mal-ħżiem fuq quddiem.

Il-ħarsa ġieli għalkemm il-wiċċ imxaqleb lejn il-lemin tal-figura, l-għajnejn imdawrin dritt lejn min iħares, biex jikkmandaw attenzjoni lejn il-persunaġġ. Imbagħad l-idejn: tal-lemin aktarx fuq xi simbolu

[29] Ta' min ifakkar hawn li Santa Elena, fost affarijiet oħra bħal li ssib l-affarijiet mitlufin – allura din mhux prerogattiva ta' Sant'Antnin biss, hija meqjusa wkoll bħala patruna tal-arkeologi.

[30] Ara: arteantica.eu.
Rigward l-użu minn artisti lokali ta' stampi, inċiżjonijiet eċċ, għal xogħlijiet forsi sħaħ, in parti jew figure singoli, biżżejjed wieħed iħares lejn xi kwadri attribwiti lil Rokku Buhagiar fil-kor tal-Bażilka Elenjana stess. Hwn il-kwadru tal-Assunta li qiegħed 'il fuq mit-titular għandu xebh qawwi kemm ma' wieħed ta' Sebastiano Conca (1680-1764, Sotheby's Italy 2009) u ieħor ta' Giuseppe Bartolomeo Chiari (Ruma 1634-1747; il-kwadru qiegħed Montechiari). Il-figura ta' San Pawl fil-kwadru fuq il-lemin tat-titular hi meħuda minn fuq wieħed mill-Appostli fi kwadru tal-Assunta ta' Annibale Carracci (Dresden). Il-figura tal-mejjet li fuqu sar il-miraklu biex jingħaraf is-Salib veru, fil-kwadru laterali tax-xellug tal-kor magħmula fuq figura mill-kwadru ta' Sant'Antnin iqajjem bniedem mill-mewt, kwadru ta' Andrea Sacchi f'Santa Maria della Concezione f'Ruma.

[31] Kien għadu kmieni għaż-Żarina Katerina l-Kbira, għalkemm ir-ritratti tagħha wkoll juruha fl-istess tradizzjoni.

tal-poter, xi xettru jew il-kuruna jew aktar fuq xi mejda qrib, waqt li x-xriegħ tax-xellug maħruġ 'il barra bħal f'ġest ta' ġenerożità. Simili l-qagħda ta' Sant'Elena fil-kwadru titulari ta' Zahra: idha l-leminija merfugħa lejn is-sinjal tal-qawwa tagħha, is-Salib, idha tax-xellug ukoll maħruġa 'l barra bħal tar-renjanti u l-istess tip ta' ħarsa.

U naturalment il-kuruna fuq rasha. Kuruna imperjali wkoll. Kuruna li tagħti lemħa lil dawk tar-Russja u tal-Awstrija. Wara kollox Santa Liena kienet *Awgusta* – Imperatriċi.

Hekk xtaqu jarawha l-Karkariżi u hekk għamilhielhom Zahra fil-kwadru titulari imponenti tal-knisja l-ġdida tagħhom. U minkejja ċerti epiteti li ġieli kienu indirizzati lejn dan il-kwadru, huwa kwadru li millennju u nofs wara l-ħajja tal-qaddisa, juriha fis-solennità ta' Imperatriċi tal-epoka li fih tpitter. Santa Liena iżda għandha wkoll il-velu – xi ħaġa li ma jidhirx li kienet moda mar-renjanti tas-settecento, anqas fost nisa renjanti ta' ċerta età. Għalkemm f'bust tal-iskultriċi Marie-anne Callot, Katerina l-Kbira murija bil-velu, għalkemm mhux bil-kuruna wkoll.

Ħafna mill-artisti li ffiguraw lil Sant' Elena, matul is-sekli, ma qagħdux jagħtu każ wisq ta' realtà. Ħadd dak iż-żmien, ma kien jaf il-fattizzi vera tagħha, u stħajlu mara nobbli bħal ta' żmienhom, speċjalment għal dak li hu lbies. Imma ħafna wkoll ma tawx każ tal-età u pinġewha jew skolpewha mara żagħżugħa. Zahra madankollu għażel li juriha bħala mara ta' ċerta età, mhux biss mill-bixra tal-wiċċ, iżda wkoll fil-figura – għalkemm forsi mhux għal kollox il-mara ta' tmenin sena li bejn wieħed u ieħor kellha meta sabet is-Salib.

L-artisti tas-settecento wkoll kienu jitbiegħdu xi ftit mir-realtà fir-ritratti tagħhom ta' renjanti, u għalkemm kienu juru lis-suġġetti tagħhom ċerta età, b'dik li forsi wieħed jista jsejjaħ *kożmeżi artistika,* bħall-eliminazzjoni ta' ċertu tikmix tal-ġilda u difetti simili. Anzi b'qadd aktarx issikkat, sider merfugħ u skullatura abbundanti, kienu jagħtu dehra lis-suġġetti daqs li kieku, kif jgħid Dun Karm, *taż-żmien is-sikka*[32] ma kinetx tħalli sinjal fihom. Maturi iva, iżda mhux xjuħ.



## Aktar dwar ir-rappreżentazzjoni tal-qaddisa

Kif għedna, f'dan il-kwadru titulari ta' Francesco Zahra, l-qaddisa hi rappreżentata b'figura sħiħa bilwieqfa. Dan qed nerġa' nsemmih għax f'bosta opri artisitiċi, f'din ix-xena tas-sejba tas-Salib Imqaddes, il-qaddisa murija għarkopptejha tqim is-Salib. Iżda hawn donnha qed tiftaħar b'dan is-sinjal tal-fidwa.

Iżda hemm pitturi ta' Sant'Elena li juruha fi speċi ta' *portrait*, nofs figura waħedha, fi kwadri mhux kbar: Pietro Confortini, Luca Monbello u Francesco Morandini. Fost dawn ġieli kien hemm nisa tal-epoka li kienu espressamnt impittra bħala Santa Liena – pereżempju

[32] Poeżija: *Żagħżugħ ta' Dejjem*

f'xogħlijiet ta' Rubens, u Sustermans. Anke fost il-kattoliċi ġieli ssib kwadri donnhom ibbażati fuq l-ikoni ortodossi, bil-qaddisa u Kostantinu u s-Salib fin-nofs, bħal dawk ta' Cima da Conegliano f'San Giovanni in Bragora, f'Venezja. Jew dak ta' palma il- Vecchio fil-Pinacoteca di Brera ta' Milan. Inkella l-kwadru ta' skola Lombarda fil-Musei Civici ta' Lecco.

Fost pitturi li juru lil Santa Liena waħedha bis-Salib insemmu lil Cima da Conegliano (Washington), Altobello Melone (Ashmolean), Palma il-giovane (Monselice), Pietro Perugino (politiku tal-Annunziata, Accademia, Firenze) u Tommaso Minardi (Ravenna). Dawn fost it-Taljani biss. Imbagħad hemm għadd ta' oħrajn f'pajjiżi oħra, u ġieli anqas isem il-pittur ma jkun magħruf. F'każ aktarx rari, pittura fil-Musèes des Beaux-arts ta' Bruxelles, hemm Santa Liena tiltaqa' ma' Papa Silvestru fil-preżenza ta' Kostantinu tal-artist Bernard van Orley.

Hemm ukoll rappreżentazzjonijiet varji tal-apoteosi tal-qaddisa, jiġifieri li juru t-tlugħ tagħha fis-sema. Dawn aktarx ikunu pitturi fis-soqfa ta' knejjes iddedikati lilha jew relatata, bħal dik tal-knisja tas-Salib Imqaddes fil-palazz ta' Rastatt jew il-knisja ta' Landberg am Lech fil-Germanja. Fl-Oratorio SS. Elena e Costantino f'Palermo. U forsi l-aktar magħrufa, dik ta' Corrado Giaquinto (1703-1766) f'Santa Croce in Gerusalemme f'Ruma.



## Aspetti oħra tal-kwadru f'Birkirkara

Ħafna drabi, rappreżentazzjonijiet ta' Santa Liena, kemm f'pittura kif ukoll fi skultura, iġibuha aktarx bit-tliet imsiemer, ġieli anke l-kuruna tax-xewk, f'idha x-xellugija. Kif rajna, dan mhux il-każ fil-kwadru ta' Birkirkara. Hawn l-imsiemer narawhom f'idejn tfajjel liebes l-ikħal, fuq ix-xellug tagħha quddiem. Għandu wkoll il-kitba INRI ta' fuq is-salib u possibbilment id-drappeġġ aħmar li qed iżomm, mitluq ukoll lura minn fuq spalltu, jista' jkun li jirrappreżenta l-libsa ta' Kristu,[33] għaliex it-tfajjel jew paġġ, kif ġieli sejjaħ, jidher liebes kostum tas-settecento, aktar milli tar-raba' seklu.

Interessanti wkoll l-aċċenn għall-kuntatt bejn dan it-tfajjel u l-qaddisa. Waqt li b'idha

[33] Llum, dik li jingħad li hija l-libsa ta' Kristu – *Heilige Rock* – tinsab meqjuma fil-katidral ta' Trier, belt fil-Ġermanja, fejn Santa Liena kienet tgħix għal xi żmien u fejn, skont it-tradizzjojni lokali, hi kienet ħaditha wara li kienet sabitha f'Ġerusalemm.



l-leminija qed turi s-Salib, hi donnha qed tnewwel idha x-xellugija lejn it-tfajjel bir-relikwiji l-oħra misjuba, waqt li hu wkoll, b'idu l-leminija, b'sebgħu l-werrej qed jindika lill-qaddisa u lis-Salib.




Kurżità oħra. Dat-tfajjel għandu riġlu fuq ġebla bil-lavur, donnha mit-tempju li ġġarraf. Fuq din il-ġebla Zahra kiteb l-annu 1763 ta' meta sar il-kwadru. Issa min għamel il-kwadru tal-Madonna u San Ġwann għal mal-kurċifiss fuq l-altar tal-Agunija, għamel bħal Zahra u ħadda d-data ta' meta sar dak il-kwadru, 1779, fuq *ġebla* taħt riġel il-figura ta' San Ġwann.

Fuq in-naħa l-oħra tat-titular ta' Santa Liena mbagħad, jidher persunaġġ għarkopptejh fuq waħda, liebes b'mod orjenatalizzanti b'lewn aħmar qawwi u bit-turban.



Żewġ figuri bħal dan u t-tfajjel jidhru wkoll fil-kwadru ta' Sebastiano Ricci fil-knisja ta' San Rocco f'Venezja. Iżda jidhru aħjar fil-verżjoni żgħira (1733 – abbozz? – 113.5cm x 73cm) li hemm fir-Residenzgalerie ta' Salzburg, fl-Awstrija. Dawn hemm xi differenzi bejniethom, possibbilment minħabba l-format tawwali u dejjaq li għandu l-kwadru ta' Venezja, minħabba l-ispazju tal-prospettiva tal-altar allokat għalih, hekk li anke s-salib fil-verżjoni ta' Venezja u mtawwal aktar. Ifakkar ukoll f'figura simili, fl-istess naħa u mlibbes bl-istess kulur, fil-kwadru tal-martirju ta' Santa Katerina ta' Mattia Preti, fil-knisja ta' Santa Caterina d'Italia fil-Belt Valletta.

Jekk nagħtu ħarsa lejn in-naħa ta' fuq tal-kwadru ta' Birkirkara, hawn għandna dik li ġeneralment fil-qasam tal-arti tissejjaħ *gloria*. Jidher l-Ispirtu s-Santu taħt is-soltu għamla ta' ħamiema bajda, fi spazju ta' dija li qed jofroq is-sħab skur. Hu mdawwar minn għadd ta' anġli-putti u kerubini, huma wkoll fi speċi ta' żifna ċelesti ferrieħa u b'ammirazzjoni lejn is-Salib li kien għadu kif instab u nħareġ mid-dlam ta' fejn kien mirdum u moħbi. Din tal-anġli fin-naħa ta' fuq, joforqu sħab iswed mnejn joħroġ dawl



qawwi mis-sema, tinsab ukoll fost l-oħrajn fil-kwadru ta' Santa Liena ta' Jan Boeckhorst.

Din tal-anġli jittajru fin-naħa ta' fuq tal-kwadru mhix xi ħaġa rari, speċjalment f'rappreżentazzjonijiet ta' martirju ta' qaddisin. Fi kwadri hekk, aktarx li anġlu jew aktar donnhom ikunu qed iwasslu mis-smewwiet il-palma simbolu tar-rebħa, tal-premju. Hekk naraw ngħidu aħna f'xogħlijiet ta' Mattia Preti bħal dak ta' San Ġorġ fir-Rabat Għawdex, ta' San Stiefnu fis-Siġġiewi, ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta, San Lawrenz tal-Birgu u ta' Sant Andrija f'San Andrea della Valle f'Ruma. Fil-kwadru tal-qaddisa ta' Bertholet Flemal (1674 – Kolleġġjata tas-Salib Imqaddes – Liege) hemm ewġ anġli *kbar* qed iqimu lis-Salib. Ġieli dawn l-anġli jdhru bħala intervent ieħor mis-smewwiet bħal fil-ka tal-kwadru ta' San Ġorġ tal-istess Preti fil-Konkatidral ta' San Ġwann u diversi xeni fis-saqaf tal-istess knisja.

Din id-dehra tal-anġli fil-parti ta' fuq ta' kwadri ta' Santa Liena, l-aktar dawk li juru s-sejba tas-Salib, mhix daqshekk komuni, Tidher l-aktar f'xogħlijiet Taljani tard fis-seklu sbatax u fis-seklu tmintax. F'każ partikulari f'Jaen fi Spanja fl-istess seklu, jidher anġlu bi speċi ta' girlanda ta' weraq u ward Jidhru l-anġli wkoll fil-kwadru ta' Sant'Elena ta' Rubens fil-katidral ta' Gasse fi Franza.

Aktar rari l-inklużjoni tal-Ispirtu s-Santu fi kwadri ta' Santa Liena. Dan ġeneralment jinsab fi kwadri li juru episodji Evanġeliċi bħall-Annunzjazzjoni jew il-Magħmudija ta' Kristu, barra naturalment il-Pentekoste. Imma hawn Malta stess nerġgħu nsibu lill-Preti jinkludih fil-kwadru tal-Martirju ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq. Waqt li f'ċerti kwadri tal-Annunzjazzjoni, fejn biex jintwera l-intervent Divin tal-Inkarnazzjoni, jintwera raġġ mill-Ispirtu s-Santu għal fuq Marija, fil-kwadru ta' Birkirkara jidher raġġ nieżel mill-Ispirtu s-Santu għal fuq Santa Liena, biex juri l-ispirazzjoni biex tmur tfittes is-Salib.

Barra minn Malta dan issibu ftit li xejn fir-rigward ta' Santa Liena. Eżempju, forsi rari, hu l-kwadru f'Ostuni, Brindisi fl-Italja u f'Bonn fil-Ġermanja – hawn iżda hi rrappreżentata t-Trinità, u l-kwadru ma jurix is-Sejba tas-Salib jew hekk, imma l-patroċinju tagħha, ma' qaddisin oħra, fuq il-belt imsemmija, fejn jingħad li hija kienet waqqfet l-ewwel Katidral.





Semmejna li isfel nett fil-kwadru titulari ta' Zahra, sewwasew taħt ir-riġel tas-Salib, tidher statwa mkissra, aktarx statwa ta' Venere li lilha kien inbena t-tempju fuq il-Kalvarju mill-Imperatur Adrianu. Dan ukoll hu dettall aktarx rari u jinsab fil-kwadru tal-pittur Taljan Giovanni Bilivert (attiv fl-ewwel nofs tas-seklu sbatax) li jinsab fil-kappella Bonsi fil-knisja ta' San Mikiel u San Gejtanu f'Firenze.

Fost persunaġġi oħra magħrufa fl-istorja tas-Sejba tas-Salib u li Zahra inkluda fil-kwadru, eżatt wara l-qaddisa tidher il-figura tal-Isqof ta' Ġerusalemm San Makarju. Huwa muri liebes pontifikali, iżda naturalment mhux kien jilbes isqof fis-seklu erbgħa, iżda fis-seklu tmintax. Il-figura ta' dan Makarju tidher ħafna u aktarx b'mod prominenti fi kwadri li juru s-Sejba jew il-Miraklu biex jingħaraf is-Salib, u bħal fil-kwadru ta' Zahra, l-ikonografija turih bħal Isqof taż-żmien li jkun sar il-kwadru. Irrid insemmi hawn ix-xebh tal-figura ta' Makarju fit-titular Karkariż, ma' dik fi kwadru ta' Ubaldo Gandolfi f'Vercelli, l-Italja. Dan hu kwadru fejn Sant'Elena hija rappreżentata adoranti. Imma l-kwadru b'mod ġenerali fih ċerta *feeling* qrib ħafna – imma sar fl-1775.

L-aħħar kumment biex nagħlaq hu li jidher li l-kwadru titulari ta' Santa Liena fil-Kolleġġjata u Bażilika ta' Birkirkara, xogħol ta' Francesco Zahra fl-1763, fl-ispirtu tiegħu

huwa l-ewwel nett riżultat ta' ċertu studju tas-suġġett, anke ta' ċerti laqtiet Teoloġiċi, li mhux bilfors sar mill-artist, imma li forsi sar minn ħaddieħor u ngħadda lill-artist.[34] Imbagħad għal dik li hi rappreżentazzjoni pittorika, jidher li Zahra wera ċertu eklettiċiżmu fil-kompożizzjoni u kien konxju ta' xogħlijiet ta' artisti oħrajn tal-istess suġġett, u waqt li eventwalment ħareġ bi kwadru għall-għoġba tal-kummittenti Karkariżi tiegħu, għaraf jippreżenta kwadru rilevanti għall-epoka u li joffri spettaklu u imponenza viżivi skont l-ispirtu ta' żmienu.

[34] Ngħidu aħna bħalma meta kienet se ssir il-pittura tas-saqaf tal-knisja minn Virginio Monti kien ġie avviċinat il-Kanonku Palermitan Dr. Don Salvatore di Pietro għal pariri fl-iżvolġiment tal-istorja.



# Mons. Nikol Cauchi

## Isqof Emeritu ta' Għawdex

**John Tonna**



L-E. T. Isqof Nikol Cauchi qatt ma jkun minsi minn Birkirkara, għax tul il-ħatra tiegħu qatt ma falla li jiċċelebra l-festa liturġika ta' Santa Rita fil-Bażilka ta' Santa Elena. Sa minn meta kien għadu Amministratur Appostoliku ta' Għawdex, kien jiġi Malta biex jiċċelebra din il-festa.

Meta kont noffrilu xi offerta għall-ispejjeż li kien ikun għamel meta kien jiġi Malta, ma kienx jaċċetta l-għotja tiegħi iżda meta kont nisfurzah biex jieħu l-offerta kien jgħidli: *Mela se nżommha għas-Seminarju għax is-Seminarju huwa l-mutur tad-Djoċesi.*

Fuq talba tal-Prepostu u Arċipriet il-Kan. Anton Cassar, smajnih jagħmel l-Eżerċizzi Spiritwali fil-Bażilka ta' Santa Elena, u smajnih ukoll meta kien għamel it-Tridu tal-festa u l-paniġierku ta' Santa Elena.

Kelli x-xorti narah għall-aħħar darba nhar is-Sibt 13 ta' Novembru 2010 fl-Isptar Mater Dei u t-Tnejn ta' wara, 15 ta' Novembru, kien mar jingħaqad mal-Mulej li tant bata għalih biex iġib il-paċi fid-Djoċesi ta' Għawdex.